MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 69/2015

**Borg and Aquilina Limited**
**C 496**

**Vs**

**Anthony Grech**
**ID 357473M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta’ Jannar, 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ elf mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,172.54), bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ podotti mibjugha u kkonsenjatai lill-intimat mir-rikorrenti fuq ordni tieghu stess u  dan, kif jirrizulta mill-istatment hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok BA 1’;

Illi l-intimat gie interpellat ghal hlas diversi drabi verbalment, b’invoices, kif ukoll bl-istatement of account imsemmi, izda il-hlas baqa’ ma sarx minkejja nuqqas

ta' kontestazzjoni fuq l-ammont mitlub. F'din is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tinnotifikah b'ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, Ligijiet ta' Malta, izda t-tentattivi taghha sfaw fix-xejn.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimat baqa' inadempjanti.

Ghaldaqstant , ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elf mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,172.54);
2. Jordna lil l-intimati jew minn minhom sabiex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmi ammont ta' elf mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,172.54).

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz l-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13;

Peress illi l-konvenut deher fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2015 fej nammetta illi kellu jghati l-amont mitlub mis-socjeta' attrici. Peress illi spjega ukoll illi hu lest li jhallas dan l-ammont immajitlob illi l-ammont jinqasam f'pagamenti fix-xahar sabiex ilahhaq ihallsu.

It-Tribunal fid-dawl ta' din l-ammissjoni jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenut ihallass l-ammont ta' elf mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,172.54), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza, maqsuma f'pagamenti ta' mitt ewro (€100) fix-xahar l-ewwel pagament ikun pagabbli fil-15 ta' Gunju, 2015. Kemm il-darba il-konvenut jonqos milli jaghmel pagament allura jintilef il-beneficcju tal-pagament mensili u s-somma tkun dovuta fl-intier taghha jew il-bilanc kollu li jkun fadal.

Spejjes ikunu a karrigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------